MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Numru. 138/2009

**Il-Pulizija**
**Sp Keith Arnaud**
**vs**
**Andrew Bonnici**
**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Alfred Bonnici ta' 19-il sena, iben Salvu u Annunzjata nee' Galea, mwieled Pieta fit-8 ta' Settembru 1989 u residenti gewwa Ent 95 Flat 1 Triq San Gwann, Bormla, ID 402789M.**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-14 ta' Settembru 2008 u fix-xhur ta' qabel forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi**

**Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-Artikolu 22(2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Ukoll talli kkommetta l-imsemmija reati kriminali fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh bi ksur ta' l-Artikolu 22 subinciz 2(II) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Akkuzat ukoll li kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.**

**Semghet ix-xhieda bil-gurament.**

**Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin bizzejjed biex jahsibha.**

**Ghaldaqstant dawn iz-zewg imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Fil-fehma tal-Qorti f'dan  il-kaz ghandu japplika l-Artikolu 17H  bejn l-ewwel u t-tieni imputazzjoni.**

**Il-Qorti, wara li rat ir-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, kif wkoll l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii), 22(1B) u 29 tal-Kap 101, ssib lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrieh, b'dan pero li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel wahda ai termini ta' l-Artikolu 17H tal-Kap 9.**

**Il-qorti, wara li qieset l-ghajnuna kbira li l-imputat ta lill-pulizija, l-ammissjoni bikrija tieghu, kif wkoll il-fedina penali nadifa tieghu, qed tikkundanna lill-imputat ghal prigunerija ta' sitt xhur u ghal hlas ta' multa ta' 467 Euro, liema multa tista' tithallas b'rati ta' 50 Euro fix-xahar bl-ewwel wahda tithallas fi zmien 4 gimghat millum.  Jekk xi pagament ma jithallasx il-pagament ikun dovut kollu f'daqqa.  Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro li ma jithallsux.**

**Il-Qorti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap 9 qed tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez ta' l-esperti li kienu imqabbdin matul l-inkjesta u li dawn jammontaw ghal 520.43 Euro.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------